A.L. 43 ta' l-2001

ATT TA' L-2001 DWAR SELF LOKALI
(ATT NRU. VII TA' L-2001)

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI
(*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI)
(KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi għall-Ħruġ ta' Lm30,000,000 6.65% *Stocks* tal-Gvern ta' Malta 2016

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Att ta' l-2001 dwar Self Lokali, u bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi awtorizza l-ħruġ ta' Lm30,000,000 6.65% *Stock* tal-Gvern ta' Malta kif ġej:–

Mod tal-ħruġ ta' l-i*Stock*

1. L-i*Stock* jinħareġ skond kif stipulat fil-prospett.

Policy dwar l-allokazzjoni ta' *Stock*.

2. Kull persuna u/jew entijiet jistgħu japplikaw għal dan l-i*Stock*. Taqsima ta'l-i*Stock* isir skond kif spjegat fil-prospett.

Negozju fil-Borża ta' Malta, Kap. 345.

3. Applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u sabiex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta għandu jsir skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta, meta dan l-i*Stock* jiġi allokat.

Somma ta' flus li għandha tingħaber.

4. Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-i*Stock* tkun ta' Lm30,000,000.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

5. L-imgħax bir-rata ta' Lm3.32,5 għall kull Lm100 *Stock* jitħallas kull sitt xhur b'lura fit-28 ta' Marzu u fit-28 ta' Settembru ta' kull sena waqt il-kors ta' l-i*Stock*. L-ewwel ħlas relattiv għall-perjodu bejn it-29 ta' Marzu, 2001 u t-28 ta' Settembru, 2001 isir fit-28 ta' Settembru, 2001.

Fidwa ta' *Stock*.

6. L-i*Stock* jinfeda' b'parità f'dik id-data bejn l-1 ta' Jannar, 2016 u l-31 ta' Diċembru, 2016 (iż-żewġ dati magħdudin) kif jiġi stabbilit mill-*Accountant General* u avżat fil-Gazzetta tal-Gvern.